**IN MEMORIAM**

# RUZAR BRIFFA

## Ta' A. Cremona

*Żgħażagħ Maltin! minn għandna l-ħajja ġdida!*
*Qasira l-ħajja u x-xogħol tagħna kbir.*

RUŻAR BRIFFA—Poeżiji—



*(Bil-kortezija ta' l-"Orizzont").*

WARA t-telfa tax-xwejjaħ Poeta Nazzjonali tagħna li kien xegħel fil-kittieba tal-ġenerazzjoni l-ġdida l-ewwel ħuġġieġa tal - poeżija klassika Maltija li tagħha kellna l-ewwel dija fil-versi tar-romanier u poeta vetaran Malti Ġużè Muscat Azzopardi; wara t-telfa tal-Poeta tal-Madonna, il-Professur Cuschieri, li tana fil-ħlewwa tal-ftit versi tiegħu għamla ta' poeżija lirika li fil-letteratura Maltija baqgħet tiddi bħala ġawhra li bħalha ma kellniex u lanqas għad għandna, sew sew bil-kemm wara sena u nofs, kellna ngarrbu telfa oħra bil-mewt tal-Poeta RUŻAR BRIFFA fil-għodwa tat-22 ta' Frar li għadda—telfa ta' bniedem li jekk ma kellux dak l-istess mertu taż-żewġ poeti li tlifniehom qablu hekk f'qasir żmien kellu, barra l-ġenju poetiku tiegħu, dak il-mertu kbir li kien ikun biżżejjed biex ismu jitqiegħed f'tarf l-istorja ta' waħda mill-Għaqdiet Letterarji kbar tal-Malti li tnisslet fi ħdan l-*Alma Mater* u l-lum għandha isem sabiħ fl-annali ta' l-istudju tal-Malti marbut ma' dak tal-Kattedra tal-Malti fl-Università.

Għalhekk lil Rużar Briffa nafuh qabel xejn bħala l-Fun-

datur sew tal-Għaqda tal-Malti fl-Università kemm ukoll bħala l-Fundatur ta' *Leħen Il-Malti*, l-organu ta' l-istess Għaqda.

L-interess għall-koltivazzjoni tal-Lsien Malti Rużar Briffa urieh bikri, saħansitra meta moħħu kien medhi bi studji xjentifiċi tal-mediċina, u b'hekk nistgħu nxebbhuh ma' dawk il-ftit li qablu, fl-istudji xjentifiċi tagħhom, jew fil-professjoni medika tagħhom, ma stmerrewx jedhew bil-kitba letterarja ta' ilsna barranija kif ukoll tal-Malti, fost dawn ta' min isemmi lil G.F. Bonamico, lil Nikol Zammit u lil Sir Temi Zammit.

Kitba ta' proża u ta' versi bil-Malti ta' Rużar Briffa nsibuha fil-paġni ta' l-ewwel snin ta' "Il-Malti". Kien sew sew wara sena li beda joħroġ "Il-Malti" meta Rużar Briffa, għadu student, kien kiseb minn għand il-President tal-Għaqda tagħna, Ġużè Muscat Azzopardi, il-permess li huwa u l-istudenti Universitarji jieħdu sehem bil-kitba tagħhom f'Numru speċjali ta' "Il-Malti". Il-President, f'isem il-Għaqda, laqa' din it-talba bl-akbar għaxqa, kif fisser fid-daħla ta' dan in-Numru Speċjali li ħareġ għeluq it-Tieni Sena ta' "Il-Malti", b'dawn il-kelmiet: "Dan il-Għadd ta' "Il-Malti" hu miktub minn żgħażagħ studenti ta' l-Università tagħna, magħrufin biżżejjed għall-ħeġġa u l-imħabba għal dak li jġib l-isem maħbub ta' Malti. Il-ħruġ tiegħu wkoll ħallejnieh f'idejn wieħed minnhom— Is-Sur Rużar Briffa — biex ikun kollox tagħhom... Fil-ħin li nižżuħom ħajr u nqawwu qalb dawn l-istudenti, nitolbu lill-qarrejja ta' "Il-Malti" li jilqgħu dan il-ktieb bħala ġawhra żgħira fil-kuruna letterarja ta' ras il-għażiża Malta tagħna".

F'dan in-Numru ta' "Il-Malti", il-pinna ta' Rużar Briffa bdiet turi l-ewwel xeħtiet tal-fantażija poetika ta' moħħu u tat-taħbit ta' qalbu—xeħtiet romantiċi fiż-żewġ poeżiji *Xebħ* u *Epithalamion*.

Imma l-akbar ħidma tiegħu, għall-koltivazzjoni tal-Malti fost iż-żgħażagħ studenti sħabu, kienet meta hu flimkien ma' sieħbu Ġużè Bonnici—żagħżugħ ieħor ta' ħeġġa li għaliha baqa' msemmi—kien waqqaf il-Għaqda tal-Malti fl-Università bl-organu tagħha "Leħen il-Malti". Dik il-ħabta Rużar Briffa, bniedem ta' rieda sinċiera, bħalma hi l-ispirazzjoni poetika tiegħu, kien fisser il-ħsieb tiegħu dwar it-twaqqif ta' dik il-Għaqda fost sħabu lill-Professur Temi Zammit li għal dik l-aħbar deher imfantas u kemmex xufftejh, għax beża' li dawn iż-żgħażagħ sa jfixklu l-Għaqda tagħna. "Ħallihom jiżirgħu", kont għidtlu jien lill-Professur, "dik tkun mixtla f'għalqa kbira. It-tfal ma jiċ-

ħdu qatt lil missierhom''. .U hekk kien. U l-fehma tiegħi twettqet meta Rużar Briffa stess kien stqarr wara fl-editorjal ta' l-ewwel Numru ta' "Leħen Il-Malti" (Marzu 1931) meta, fost ħwejjeġ oħra qal: "Il-Malti" li toħroġ il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" għadu ħaj, u ma biħsibniex nisirqulu xejn minn ħajtu. Ikun dnub kbir li ħadd ma jaħfirħulna". Il-Professur Temi Zammit minnufih biddel il-fehma tiegħu u feraħ, u minn dak iż-żmien qatt ma ċaħad li jagħmel il-qalb lil dawn il-kittieba ġodda tal-Malti bil-kontribuzzjonijiet tiegħu ta' stejjer u kitba oħra, fosthom l-ewwel waħda li kienet deħret fl-ewwel Numru tar-Rivista "Leħen il-Malti". "*Aħlef li Tgħid iS-Sewwa*", fil-waqt li Rużar Briffa kien żejjen l-ewwel faċċata ta' dik ir-rivista ġdida bil-versi romantiċi tal-*Ballata.*

Minn dak iż-żmien Rużar Briffa baqa' marbut mal-Għaqda tagħna, fil-waqt ukoll li qatt ma naqas li jikkontribwixxi fir-rivista ta' "Il-Malti", u jinqeda bil-kooperazzjoni ta' xi wħud mill-Għaqda. Kien talabni saħansitra li niġborlu u ngħaqqadlu għal-"Leħen il-Malti" antoloġija ta' versi bikrija tal-Lsien Malti; barra minn hekk, wiegħed lill-Qarrejja tar-rivsta antoloġija oħra ta' versi mill-pinna ta' poeti tagħna ta' dak iż-żmien, iżda x-xewqa tiegħu b'għoqla kbira tiegħu ma setgħetx titwettaq. Hin bla waqt, b'inkejja tal-ħeġġa u ħrara tiegħu li jibqa' jaħdem għall-"Għaqda tal-Kittieba (Università)" huwa kellu jerħi t-tmexxija ta' "Leħen il-Malti" f'idejn sieħbu Ġużè Bonnici għax kien ħtieġlu jitlaq mill-Gżira biex jissokta kors ta' taħriġ fl-ispeċjalità tal-professjoni tiegħu. Dan kien fl-aħħar xhur ta' l-Ewwel Sena tal-"Għaqda tal-Malti (Università)". Sa dak iż-żmien Rużar Briffa kien diġà tana sensiela ta' versi sbieħ fosthom il-poeżija hekk ħelwa ta' erba' kwartini "*Lil Ommi*".

Il-poeżija ta' Rużar Briffa mhux dejjem kienet bħalma sirna nafuha minn xi snin 'l hawn. Huwa tista' tgħid kien infired kmieni mill-klassiċiżmu u romantiċiżmu ta' poeti oħra sħabu, biex bena forma, stil u temperament ta' poeżija għalih. Strofi iktarx qosra b'emozjonijiet soġġettivi u ritmu mexxej u melodjuż, ta' mument liriku, li barra li tawh l-isem ta' Prinċep tal-Lirika Maltija, tawh karatteristikament l-isem ta' poeta impressjonista. Għalhekk rajna kemm-il darba li l-Musa ta' Rużar Briffa tixgħel bħal leħħa ta' berqa f'mument li l-qalb tkun qiegħda taħrab mir-realtà tal-ħajja biex tgħix għal mument f'dinja ta' immaġinazzjoni, u, għalhekk, fil-versi tiegħu naraw bħal *silhouettes* fi kwadru ċkejken ta' idejiet ileħħu u jintfew f'daqqa,

imma li jolqtuk fis-sentiment sempliċi iżda sensitiv tagħhom iżjed minn kull kwadru kbir ta' pittura l-iktar imżewqa. U dan, fil-ġenju poetiku ta' Rużar Briffa, għal xi kritiċi, deher hekk personali, li biex jitfisser ġie li f'xi versi din il-karratteristika warrbet it-teknika tal-għażla u kostruzzjoni prosodijaka tal-kliem.

Meta dan l-aħħar ħareġ fi ktieb il-poeżiji tiegħu—wara talba minn ħbieb li xtaqu jarawhom miġburin u stampati, u t-tħabrik ta' ħabibu, Patri Valentin V. Barbara, O.P., li ikkurahomlu u tal-għażiża martu Louisette li ħadet is-sabar tiġborhomlu f'kopji dattilografati—huwa stess fi ftit kliem, fisser il-karatteristiċi tal-poeżija tiegħu li tagħżlu minn dik tal-poeti sħabu. Fil-kelmtejn *Lill-Qarrejja* f'ras il-Gabra tal-Poeżiji tiegħu huwa jistqarr kif minn żmien għal ieħor tal-għomor tiegħu ġie li kiteb dawk il-versi: "Uħud", huwa jgħid, "minn dawn il-poeżiji ktibthom fi żmien ta' dwejjaq kbar, oħrajn f'ta' ferħ. Ktibthom għalija u swewli ta' ħafna ġid bħala "escapism"... U d-dwejjaq, iktar mill-ferħ, huwa ħassbom u fissirhom b'dik it-tbissima ta' sabar li kien juri filwaqt li fis-skiet tiegħu kien iħoss f'dawn l-aħħar snin inemnem il-musbieħ ta' ħajtu. B'danakollu huwa kien dejjem jifraħ magħna f'kull laqgħa ta' ferħ jew ta' ġieh għal xi kittieba minn sħabna u għall-progress tal-Malti.

Għadha quddiem għajnejja dik il-ħarsa ċassa tiegħu meta fil-mewt tal-Professur Cuschieri filwaqt li kien wieqaf fi triq ir-Rjali ħdejn il-Kafè tas-Savoy jitgħaxxaq bil-qima ta' dawk li marru wara l-katavru tal-Poeta Karmelitan. Min jaf x'ħass u x'kien għaddej minn rasu dak il-ħin? Qabel kont ukoll iltqajt miegħu lejlet il-funeral ta' Dun Karm u deher li ħa interess hekk kbir fis-sehem li ħadet l-Għaqda tagħna u ta' l-Università f'dik iċ-ċirkustanza ta' luttu għal bniedem li kien għex maġenbu fil-bidu tal-ħajja letterarja tiegħu.

* * *

Dan l-aħħar wiċċ Rużar baqa' dejjem b'dik it-tbissima ħelwa tiegħu li kienet, iżda iktarx taħbi d-dwejjaq ta' min kien iħoss li ħajtu mhix se tkun itwal minn dik taż-żewġ poeti sħabu li ħallewna qablu.

Niftakar xi ftit xhur qabel mewtu kont iltqajt miegħu wara li kien ġie minn Ruma; u fraħtlu għax irġajt rajtu qawwi u sħiħ mill-ġdid. Bi tbissima weġibni u qalli: "Il-lum sejjer Londra, Nin, itlob għalija". Għafasli jdejja u telaqni.

Wara li ġie lura minn Londra, għalkemm magħdur u sieket, Rużar baqa' dejjem b'dik it-tbissima fuq fommu, isellem b'dik

it-tbissima ħelwa tiegħu.

Il-qima li wrew lejh sħabu tal-"Għaqda tal-Malti (Università") kif ukoll tal-Għaqda tagħna, f'okkażjoni mhux inqas ta' niket u ta' ħasra fil-mewt tiegħu ma kenitx inqas minn dik għażżewġ poeti kbar ta' qablu.

Għalkemm it-temp kien ikreh kull min kien jaf lil Rużar Briffa, sew bħala ħabib, kemm bħala tabib ta' dehen u tieba li ma bħalha, kemm ukoll bħala poeta hekk popolari fost il-kittieba u qarrejja tal-Malti ma naqasx li fl-okkażjoni tal-mewt tiegħu ma weriex il-għożża u l-qima lejh u jagħtih l-aħħar tislima.

Ma' dik tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u "tal-Għaqda tal-Malti (Università)" ingħaqdet, f'din ix-xhieda ta' għożża għat tifkira tal-Poeta Malti, rappreżentanza sabiħa ta' professuri Universitarji sħabu, studenti, għaqdiet reliġjużi u ċivili, kif ukoll ta' ħbieb.

It-tifkira ta' Rużar Briffa għandha fl-aħħarnett tibqa' ħajja bla ma tmut qatt fil-qalb tal-kittieba sħabu, imma wisq iżjed f'dik tal-ġenerazzjoni ġdida li fil-ħidma tiegħu sabet it-triq miftuħa għall-koltivazzjoni tal-letteratura Maltija.